**Minuti**

**Laqgha Tal-Kunsill Lokali Birkirkara**

**ID-DISGHA LEGISLATURA**

**Laqgha numru 18**

**18 ta' Frar 2025**

Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara ltaqa' fl-Ufficcju Amministrativ tiegħu li jinsab ġewwa iċ-ċentru Ċivku tieni sular, Triq Tumas Fenech Birkirkara fil-5 ta' filgħaxija.

**Prezenti:**

Desirei Grech - Kunsillier
Maurizio Gauci - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar - Kunsillier
Rosette Cassar - Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Gilmour Borg – Kunsillier
Yana Borg Debono Grech – Kunsillier
Jade England- Kunsillier

**Ufficjal Prezenti:**

Christine Jo Mansuto - Deputat Segretarju Ezekuttv

**Assenti b'apologija:**

Alfred Attard - Kunsillier
Stefano Sicari – Kunsillier

**Assenti:**

Karl Cutajar - Kunsillier

**18.1 Qari t'-ittri t'apologija.**

18.1.1 Il-Laqgħa tal-kunsill ippreseduta Mis-Sa Desirei Grech Bdiet fil-5:10 ta' filgħaxija wara 10 minuti stennija, peress li xi membri kienu għadhom ma waslux. Hija saqsiet jekk kienx hemm ittri t'apologija u id–deputat Segretarju irrispondiet li kien hemm 2.

18.1.2. Is-Sa Rosette u Sa Yana waslu fil-17:16pm.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

18.2.1. Is-Sur Luke Vella staqsa dwar minuta 17.5.6 dwar ix-xogħolijiet li qedin isiru fi triq Olaf Golcher, liema entita kienet qed tgħamel dan ix-xogħol. Is-segretarju Eżekuttiv iċċarat li dan qed isir min entitajiet konguntі. Minuta giet korretta.

18.2.2. Is-Sur Maurizio Gauci ppropona u s-Sur Luke Vella ssekonda il-minuti bħala koretti.

**18.3. Matters Arising**

18.3.1 Is-Sur Antoine ippropona li-l–applikazzjonijiet ta' żvilupp mill-awtorita tal- Ippjanar għandhom jibdew jgħaddu għand il- Perit tal-kunsill sabiex jibda jargħhom u jgħatina parir jekk għandniex noġġezzjonaw. Is-Sindku Sa Desieri Wieġbet illi dan il-proċess jistà jsir possibli wara li l- process ta' evalwazzjoni sabiex jinħatar perit ġdid tal-kunsill b'tender jingħalaq

18.3.2. Is-Sa Marie Claire staqsiet dwar kienx hemm żvilupp fuq l-aplikazzjonijiet taż- żewġ ħaddiema ġodda. Segretarju eżekuttiv wieġbet li applikazzjoni saret mad-dipartiment u qed tiġi proċessata.

**18.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

18.4.1 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lil dawk preżenti li ħareġ l-ewwel pakket ta' skemi .
SPI/SCI/02/2025 – Skema għall żattivitajiet Kulturali Annwali 2025/26
SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja- Lokalitajiet aktar Nodfa
SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess Finanzjament Milied 2025

Hija qalet li ser inkunu qed napplikaw ghalijhom kollha u ser isiru diskussjonijiet fit-tul fil-ġejjieni.



L.V
Ma ...
D

18.4.2 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lil dawk preżenti li il-kunsill irċieva email mingħand resident fejn dan talab biex jiġi rimborsat għall xogħolijiet li għamel hu fuq il-bankina. Is-sindku spjegat li apparti li ma tistax tgħamel xogħolijiet fuq propjeta pubblika il-kunsill ma jistax jassumi responsabbita tax-xogħol tiegħu. Dan ir-resident qabad u għamel ix-xogħol min jheddu Sa Desirei zieded tgħid li l-proċess kif sar dan ix-xogħol fuq proprjetà pubblika ma sarx skond ir-regolarmenti u għalhekk il-kunsill ma għandu jħallas it-tali ħlasijiet. Is-sur Antoine saqsa hux il kas li ninfurmaw lil Avukat tal-kunsill fejn gie rispost li ma hemmx għalfejn. Is-sa Rosette irrimarkat li ix-xogħol seta sar mhux skont l-istandard meħtieġ. Is-sur Maurizio qal li l-kunsill għandu ir-responsabbiltà li jiċċekja dan ix-xogħol.

Kien hemm qbil bejn dawk preżenti li r-rimbors ma jsirx

18.4.3 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lil dawk preżenti, li hi flimkien mas segretarju eżekuttiv kellhom laqgħa mal kumpanija Refab, blue bins. Dawn proponew li jerġgħu jinstallaw blue bins u Oil bin fil-lokalità.Hija ziedet tgħid li l-kumpanija tassumi resposabbita sabiex tiġbor il-ħwejjeg b'mod regolari u tnaddaf madwar l-oil bin. Il-Kunsill ser ikun qed isib lok għall dawn il-bins. Is-Sa Yana issuġerit li jkun hemm Cameras minħabba l-ħmieġ.

18.4.4 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lil dawk preżenti li s-segretarju ezekuttiv preċedenti qed tilob li titħallas għall blinds li għamlet fil-kunsill. Is-sindku spjegat li l-kunsill m'għandux quotes, work orders u u lanqas invoice ta' dawn ix-xogħol kull ma rċievet hija print out ta chat bil valur tal blinds ta' kumpanija oħra. Ġie mistoqsi għaliex ma tresqietx qabel it-talba, u s-sindku spjegat li dan kien jiġi kunflitt ta interess peress illi l-process tal-blinds beda xahar qabel it-tali persuna laħqet segretarju ezekuttiv tal-kunsill, u x-xogħolijiet tlestew wara li hi ħadet l-irwol ta' segretarju eżekuttiv.
Kien hemm qbil bejn dawk preżenti li l-ħlas m'għandux isir.

18.4.5 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lil dawk preżenti li s-segretarju Eżekuttiv preċedenti infurmat lil kunsill ta' Birkirkara li ġiet ikkuntatjata min 'Motors Inck' dwar li l-vann tal elettriku kien wasal. Is-sindku qalet li bgħatet email fejn staqsiet min fejn gie dan il van, għal fatt li fix-xhur li għaddew ħadd ma kien applika għat tender. Instab li fl-2023 kien hemm applkazzjoni biex jinxtraw żewġ vannijiet tal-elettriku u wara li giet *aworded* kien hemm diskussjonijiet sabiex il-kunsill iġib vann u karozza. gie spjegat li dan ma setax isir u huwa illegal,i kif ukoll il-kuntarttur jista jitlob għar-rimbors sħieħ taż-żewg vannijiet skont it-tender. Fid-dawl ta' dan kollu is-sindku qalet li ser tkun qed tgħamel meeting mal-kumpanija/ kuntrattur sabiex tikseb iktar informazzjoni u x'jista jsir.

18.4.6 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lil dawk preżenti li il kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand l-avukat fejn ġejna infurmati sabiex inħalsu għall-Kawża fil Qorti ta' Timo Koalzik, li kellu aċċident waqt li kien qed isuq ir-rota gewwa birkirkara. Is-Sentenza Ingħalqet u nqatet kontrina. Hija spjegat ukoll li b'negligenza amministrattiva l-appel li kien sar intilef ukoll u issa il-



L.V.

kunsill ġie infurmat sabiex iħallas minnufieħ is-somma ta l-fuq min €66,000. Fin nuqqas li jsir dan il-kunsill jista jiġi sekwestrat.
Is-sur kaylocke qal li dan il-ħlas kien ta madwar €52,000 u is-sindku spjegat li l-ammont żdied minħabba l-ispejjes tal-qorti u l-appel.
Id-deputat segretarju eżekuttiv qalet li għalkemm għadda iż-żmien xorta għamlet kuntatt mal-avukat u talbet sabiex insaqsu nistghux niġu rimborsati mill-insurance.
Is-Sa Rosette staqsiet jekk nistgħux infittxu lil persuna negliġenti. Is-sindku qalet l-ewwel isir il-ħlas u wara inkelmu lil-avukat tal-kunsill.

18.4.7 Is-Sindku Desirei Grech infurmat lil dawk preżenti li qed isiru xi tibdil fl-amministrazzjoni u l-oprat amministrattiv tal-kunsill. Hija spjegat kif l-ilmenti qed jigu miġbura minn skrivana u jiġu elenkati fuq server. Sar ukoll tibdill fl-rwoli tal-ħaddiema tal-kunsill. Dan kollu qed jiffaċilita l-operat tal-kunsill.

## 18.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

18.5.1 Skont kif gie komunikat fil-laqgħa preċedenti is-sindku staqsiet jekk irċevietx mistoqsijiet minghand kunsilliera via email. Id-Dep. Seg. Eże. Qalet li ma rċeviet xejn.

18.5.2 Is-Sa Marie Claire qalet li rċeviet complaints li resident ċemplu il-kunsill u ma rrispondewhomx. Is-sindku spjegat li kien hemm xi ħsarat fil linji tat telefon u ser jiguiċċekjati mil persuna inkarigata mill-IT

18.5.3 Is-Sa Rosette staqsiet kienx hemm żvilupp dwar l-isprall ta' quddiem il-kunsill. Is-Sindku qalet li dan ġie msewwi b'mod temporanju illum pero dan jeħtieġ li jinbidel. Is-sur Kaylocke żied jghid li dan l-isprall dejjem kien ta problema u jibqa jinkiser minħabba il-kobor tiegħu. Dan qatt ma gie issuġerit li jinqasam fi tlett partijiet. Fakkar ukoll li dan telgħa kemm il-darba kunsill u sar qbil li jissewa.

18.5.4 Is-sindku semmiet li kelna komunikazzjoni mad-Dipartiment flimkien mal-accountants tal-kunsill sabiex tingħalaq is-sena finanzjarja 2024u jibda l-awditjar.

18.5.5 Is-sa Riosette staqsiet jekk il-kunsill għandux persuna li tieħu ħsieb l-iskemi li joħorġu u s-sindku irrispondiet iva. Dan kien parti mill-bidla fl-operat.

18.5.6 is-Sur Antoine semma li saret Disabled Communal Parking Bay quddiem il knisja ta Fleur De Lys u kif issa ma hemmx fejn tieqaf lanqas Karozza tal-mejtin.
Saqsa ukoll dwar ix-xogħolijiet fi triq Fleur De lys u s-sindku qalet li għad mhemmx risposta meta se jitlestew.
Saqsa ukoll dwar ħlasijiet ta xogħol fuq il-mitħna. Is-sindku spjegat li peress li għad m'ghandniex access għall bank ma nistgħux ngħaddu pagamenti.



L.V.
MG DG

18.5.7 Is-sa Marie Claire ħabbret il ħarga kulturali li jmiss li ser issir nhar it-18 ta' Marzu 2025. Għall dan qed jinġabru il-quotes. Hija qalet ukoll li l-ħarga ta dan ix-xhar kienet waħda ta suċċess fejn attendew 105 persuna.

**18,6 Approvazzjoni ta' skedi ta' ħlasijiet.**

18.6.1. Wara li s-sindku talbet kienx hemm kummenti fuq l-iskeda ta pagementi Is-Sur luke approva u is-sur maurizio ssekonda l-iskeda tal-ħlas ta pagamenti. Giet approvata bejn dawk preżenti.

18.6.2 Wara li s-sindku talbet kienx hemm kummenti fuq l-iskeda tal petty cash is-Sur Luke approva u Is-sa Jade issekondat l-iskeda tal-petty cash. Giet approvata bejn dawk Preżenti

**18.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

18.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiema fis-17.54 wara li ġiet eżawrita l-aġenda u giet aġġornata għall Nhar it-tlieta 18 ta' Marzu 2025 fil-5pm .

Iffirmati illum:

Sindku
Desirei Grech

Deputat Segretarju Eżekuttiv
Christine Jo Mansueto



L.V.
MG DG